MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2010

Appell Kriminali Numru. 477/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Roderick Cauchi**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva (permezz ta’ att ta’ citazzjoni li jgib id-data 2 ta’ Ottubru 2009) kontra Roderick Cauchi (bin Raymond u Emmanuela nee Ciantar, imwieled fis-16 ta’ April 1983, detentur tal-karta tal-identita` nru 220283M) talli fix-xhur u fil-granet ta’ qabel il-25 ta’ Settembru 2008 b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda (i) f’Malta xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg (*airconditioners*) misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom, u (ii) malli sar jaf li l-*airconditioners* li kienu fil-pussess tieghu kienu misruqa

jew mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, naqas li jgharraf lill-pulizija b'dak il-fatt fi zmien gimgha minn meta hekk sar jaf;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-3 ta' Dicembru 2009 li permezz taghha dik il-qorti, fuq ammissjoni tal-imputat, iddikjaratu hati skond l-imputazzjonijiet kif dedotti, u kkundannatu sena prigunerija sospiza ghal sentejn skond l-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, kif ukoll ordnatlu, skond l-Artikolu 28H tal-istess Kodici, li jhallas is-somma ta' erbat elef euro (€4,000) lill-parte civili fi zmien sitt (6) xhur;

Rat ir-rikors ta' appell tal-Avukat Generali, minnu pprezentat fit-22 ta' Dicembru 2009, li permezz tieghu l-istess Avukat Generali appella mill-imsemmija sentenza riferibbilment ghall-piena u ghalhekk talab ir-riforma tal-istess sentenza billi, fost affarijiet ohra, din il-Qorti thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn l-imsemmi Roderick Cauchi gie kkundannat sena prigunerija sospiza ghal sentejn u ordnat ihallas lill-parti danneggjata kif fuq inghad, u li minflok din il-Qorti tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-15 ta' Jannar 2010; ikkunsidrat:

Kif inghad, l-aggravju tal-appellant Avukat Generali huwa dwar il-piena. Huwa jikkontendi li f'dan il-kaz il-piena applikabbli ghar-reat biss ta' ricettazzjoni – jigifieri apparti kull zieda minhabba t-tieni imputazzjoni u minhabba l-addebitu tal-kontinwat – kienet dik kontemplata fl-Artikolu 279(b) tal-Kap. 9 (applikabbli skond l-Art. 334(a) tal-istess Kodici), u cioe` ta' prigunerija minn minimu ta' tlettax-il xahar prigunerija sa massimu ta' seba' snin. Ghalhekk, dejjem skond l-Avukat Generali, il-piena ta' sena prigunerija kienet taht il-minimu, u ma ngabet ebda raguni specjali u straordinarja ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 21 tal-Kap. 9.

L-appellant Avukat Generali m'ghandux ragun. Ghalkemm il-valur <u>totali</u> tal-oggetti kollha ricettati kien jaqbez is-somma ta' €2,329.37 (cioe` l-elf lira), mill-istqarrija tal-

appellat, allura imputat, ezibita in atti u li hija l-unika prova li hemm, id-diversi *airconditioners* inxtraw mill-appellat f'okkazjonijiet differenti (kien proprju ghalhekk li l-ufficjal prosekutur zied l-addebitu tal-kontinwat), u ma hemm xejn x'jindika li f'xi okkazjoni, imqar wahda, minnhom l-ammont hekk mixtri u ricettat kien ta' aktar minn elf lira Maltin (€2,329.37). Ghalhekk, kuntrarjament ghal dak li qed jikkontendi l-Avukat Generali, il-paragrafu tal-Artikolu 279 applikabbli kien, se mai, il-paragrafu (a) u ghalhekk il-piena applikabbli kienet ta' mhux anqas minn hames xhur prigunerija u mhux aktar minn tlett snin. Iz-zieda ta' grad jew tnejn ghall-kontinwat hija, skond l-Artikolu 18 tal-Kap. 9, fakoltattiva u mhux obbligatorja; u ghalhekk anke biz-zieda tal-piena ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 334A – prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tlett xhur – il-piena erogata ta' sena prigunerija kienet perfettament fil-parametri tal-ligi.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Ovvjament is-sitt xhur ghall-hlas bdew jiddekorru mid-data tal-ewwel sentenza, cioe` mit-3 ta' Dicembru 2009.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------